Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 108/2002/1

**Rikors Nru: 108/02**

***Valerie Seychell***

***versus***

***Raymond Alan Tanti***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-fond bl-indirizz tnejn u erbghin (42), Valley Road (b'access minn Trieq Garcin), Msida hu mikri lill-intimat u dan ghal skop ta' store;

Illi l-intimat mhux qed jaghmel uzu mill-fond de quo kif kien miftiehem, u l-fond jinsab abbandunat, zdingat, u

mimli grieden, tant li gie mbarrat mill-Kunsill Lokali tal-Imsida, biex b'ehkk il-fond qed jirrikorri hsara;

Ghalhekk l-esponenti, titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jordna t-terminazzjoni tal-ftehim lokatizju, jawtorizzaha li tirriprendi l-pussess tal-imsemmi fond, u ghal dan il-ghan tipprefiggi terminu qaisr u perentorju ghall-izgumbrament tal-intimat mill-istess fond.

Ra r-risposta

Fl-ewwel lok in-nullita' tar-rikors promotur stante n-nuqqas ta' indikazzjoni kif rikjesta mill-ligi tal-ammont ta' kera tal-fond 42, Valley Road (b'access minn Triq Garcin), Msida, u meta dina tigi mhallsa.

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghar-ripreza tal-fond ghandha tigi michuda stante li l-esponenti jaghmel uzu regolari mill-istore mikri lilu.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tat-28 ta' Mejju, 2002.

Ikkunsidra,

1. L-intimat qed jeccepixxi, l-ewwelnett, in-nullita' tar-rikors billi ma giex imnizzel l-ammont tal-kera u kif tithallas.

2. Fil-fehma tal-Bord dawn in-nuqqasijiet ma jgibu l-ebda nullita'. Jistghu jintalbu zidiet ta' kliem u jsiru talbiet ghal korrezzjonijiet. Waqt il-proceduri jisghu jigu effettwati tibdiliet fl-atti tal-kawza basta li dawn ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza. Ma hu qed jigi vjolat l-ebda jedd ta' gustizzja naturali. Ghalhekk il-Bord qed jichad din l-eccezzjoni.

3. Fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2003 l-intimat eccepixxa ulterjurment illi r-rikorrenti m'ghada l-ebda 'locus standi' skond il-ligi biex tressaq dan ir-rikors.

4. Mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Kummissarju ta' l-Art jirrizulta li fuq il-fond harget dikjarazzjoni ta' esproprju fil-15 ta' Gunju, 2001. Mir-rikors Nru 26/2002 jirrizulta li l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim fl-4 ta' Gunju, 2002. L-intimata ma accettatx il-kumpens.

5. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hi dwar min ghandu il-pussess tal-fond. Il-Kummissarju ta' l-Art jew ir-rikorrenti. Hija din il-kwistjoni li l-Bord tal-Kera jrid jiddeciedi u xejn aktar.

6. "Bhala effett dirett u inevitabbli tad-dikjarazzjoni tal-President li biha jintima l-intenzjoni tal-esproprju ghal skop pubbliku, l-Gvern jakkwista fuq l-immobili esproprijat drittijiet l-ordinarjament imissu d-'dominus'. Dan ifisser illi s-sid tal-proprjeta' jigi ezawtorat ghal kollox minn kull jedd fir-rigward tal-pussess u tad-disponibilita' materjali taghha. Disponibilita' materjali li naturalment ma testendix ukoll ghad-dritt tat-trasferiment taghha naturalment soggett ghall-fattur gdid tal-esproprju u tal-limitazzjoni li dan necessarjament jimplika…… Bhala konsegwenza ta' l-esproprjazzjoni l-Gvern effettivament kien qieghed jarroga ghalih il-ius utendi et abutendi, naturalment dejjem limitatament tad-<u>dritt ta' pussess</u> u mhux <u>ta' proprjeta</u>" (Aquilina et vs Ministru tal-Ambjent, App. 8/6/01).

7. Id-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika la tissostitwixxi l-att pubbliku u l-anqas ma timplika <u>trasferiment</u>, imma tawtorizza biss lill-awtorita' kompetenti li tiehu <u>pussess</u> tal-art in kwistjoni wara li jghaddi t-terminu kif preskritt mill-ligi.

8. La darba jirrizulta li saret id-dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u ghaddew l-erbatax-il jum utili biex ir-rikorrenti minn jeddha taghati l-pussess ta' l-istess art lill-awtorita' hija legalment tilfet il-pussess pacifiku ta' l-istess art skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 88 b'dan li l-istess tigi tawtorizza lill-awtorita' kompetenti li tiehu l-pussess tal-istess art 'de facto' bil-mezzi kollha possibbli u elenkati fl-istess art 12 (3), tant li min jittenta jwaqqaf l-istess process tal-awtorita' jew ta' persuna minnha inkarigata

sabiex tidhol fl-istess art jitqies bhala reat ai termini tal-art 34 tal-Kap 88 (ara sa fejn applikabbli ‘Agius vs Camilleri et’, P.A. 29/11/01, imsemmija mill-intimat fin-nota tieghu.

9. Is-sentenza ‘Mousu vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet’ deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta’ Ottubru 1999 kellha fottispecie ohra.  L-aktar importanti il-fattur taz-zmien u l-ksur tal-jeddijiet tal-bniedem.

10. Il-Bord ihoss li ghal kompletezza ghandu jaghmel referenza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell in re ‘Cachia vs Avukat Generali et’ fit-28 ta’ Dicembru, 2001.

(Il-Ligijiet ghandhom jgiu interpretati) mhux f’termini ta’ editti iure imperii jew ordinanzi kolonjali imma b’applikazzjoni tal-principji kostituzzjonali u konvenzjali li jirrikonoxxu t-tgawdija tal-possediment ta’ l-individwu bhala jedd fondamentali u lill-Gvern id-dritt li jiehu pussess tal-proprjeta’ ta’ l-individwu ghal skop pubbliku”.

11. Dak li jinghad fin-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti mhux korrett la skond il-ligi u lanqas skond il-gurisprudenza.

Billi jirrizulta li r-rikorrenti m’ghandhiex illum pussess tal-fond il-Bord jilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri ta’ l-intimat jichad it-talba taghha u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gjudizzju.  Mhabba l-komplessita’ legali ta’ l-eccezzjoni mqajma l-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Dep/Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------